**Lilek LSE**

Għodwa wara l-oħra toħroġ taħdem
Lill-uliedna fil-bżonn takkumpanja,
X'hemm isbaħ fil-ħajja mill-imħabba
Li tingħata f'kull waqt u f'kull ġrajja?

Hemm int, ma'uliedna b'ħafna sabar,
Tgħallimhom u timxi fis-skiet,
Tgħinhom tagħhom il-valuri
Li jġibu f'ħajjithom ħafna barkiet.

Għax kull student u studenta tassew
Li jixirqilhom min jafda fihom,
Imsaħħin b'dil-fiduċja kemm jikbru
Hekk li jgħinu lill-oħrajn minn ħinhom.

Ħajr niżik li tibqa' tħażżaq b'sabrek
Biex dawk li qed tieħu ħsieb twassalhom,
Ħa jkunu l-aħjar verżjoni tagħhom
Din tkun ferħa li magħhom tibqagħlhom.

Insellem lil qalbek daqshekk kbira
Li fiha qed tifforma b'imħabba,
Lil dawn uliedna bil-ħiliet tagħhom
It-tama ġenwina għad titrabba.

Ibqa' tbissem bit-tbissima tiegħek
Hekk sabiħa u miftuħa fis-sliem,
Ibqa' xerred kulfejn tmur il-fwieħa
Tal-ħajja vera li tagħti l-ħelsien.

Qed narah lill-Missierek fis-sema
Iħejjijlek postok fl-eternità,
San Ġwann Battista de La Salle jitlob
Għalik, ibqa' ikber fil-karità.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.